TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 324/12/GB

Anthony Lautier
vs
Ventur Motor Center Co. Ltd.

Illum 15 ta' Mejju 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fid-19 ta' Dicembru, 2012, fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' tliet elef mitejn u ghaxar Ewro (€3,210.00), rapprezentanti l-ispejjez li kellu jhallas lil terza persuna sabiex il-karozza li kien xtara minghand is-socjeta' ntimata tigi msewwija.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent, li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Fid-29 ta' Novembru 2011 huwa xtara l-karozza tieghu, 'Nissan Qashqai', minghand is-socjeta' ntimata, bil-patt li l-magna kienet bla problemi u li l-karozza jinghatalha servizz, u koperta bi garanzija ta' sena u nofs fuq hsarat.

Fl-17 ta' Mejju 2012, ir-rikorrent mar qadja jixtri bil-karozza, xtara u dahal fiha, pero' l-karozza ma startjatx. Ghalhekk huwa cempel lis-socjeta' ntimata, fejn hija qalet lir-rikorrent sabiex jiehu l-karozza ghandha. Ir-rikorrent hekk ghamel, wara li l-karozza giet ittowjatha. Is-socjeta' ntimata mbaghad qaltlu illi kienet ser iccempel lill-electrician, pero'

dan sat-3:00 ma kienx ghadu wasal. F'xi s-6:30 ir-rikorrent mar lura, pero' l-electrician xorta wahda kien ghadu ma wasalx. Meta l-electrician wasal, huwa uza l-kompjuter fejn informa lir-rikorrent illi kien sab 'error' fuq cam shaft sensor. Ghalhekk, l-electrician qala' sensor minn fuq karozza ohra u wahhlu fuq il-karozza tar-rikorrent biex jippruvaha. Beda jikkrankjha ghal hin twil, izda l-karozza ma startjatx, u t-tifel tar-rikorrent anke nnota li kien hiereg duhhan mill-'air cleaner'. Meta l-electrician qala' l-'air cleaner', sabu li kien mimli weraq u residwali suwed. Huwa kompla jmiss l-affarijiet fil-magna u jikkrankjha sakemm waqghet il-batterija.

L-ghada, ir-rikorrent ghamel gurnata jistenna l-electrician, fejn dan wasal ghall-konkluzjoni li l-karozza ma kenitx ta' idejh. Ir-rikorrent ghalhekk rega' kellem lis-socjeta' ntimata, fejn hija l-ghada kienet informatu illi kienet kellmet mechanic pero' tali mechanic ma setax jaqdiehom qabel hmistax ohra. Ghalhekk ir-rikorrent ha l-karozza lura u mar ikellem lil dan il-mechanic, fejn huwa nforma lir-rikorrent illi fuq flus ma kien tkellem xejn mas-socjeta' ntimata u li ghalhekk la jkun hadielu hu stess, mela kien hu li kellu jhallsu.

Ir-rikorrent talab lis-socjeta' ntimata sabiex tipprovdieh bil-miktub illi kienet ser thallas hi ghall-ispejjez, pero' s-socjeta' ntimata, wara li ghamlet referenza ghall-garanzija ezistenti, irrifjutat illi tforni lir-rikorrent b'din il-karta.

Peress illi s-socjeta' ntimata rrifjutat li taghti garanzija bil-miktub lir-rikorrent illi kienet ser thallas hi, ir-rikorrent ha l-karozza ghand 'Muscat Motors'.

Ir-rikorrent ezebixxa dokumentazzjoni relattiv.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija qieghda tikkontesta din it-talba ghaliex din il-vettura saretilha l-hsara bi traskuragni.

Aktar minn hekk, sid il-vettura, wara li s-socjeta' ntimata qrat it-talba tieghu, qieghed jghid hafna gideb.

Is-socjeta' ntimata ezebiet dokumentazzjoni relattiv.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa dokumenti, li gew immarkati bhala Dok.AL1 sa Dok.AL5.

Xehed ukoll Alexei Lautier, prodott mir-rikorrent, fejn fix-xhieda guramentata tieghu huwa kkonferma l-verzjoni tar-rikorrent.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha kkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn ziedet tghid illi r-rikorrent ma kienx mar ghand il-mechanic taghha, pero' kien iddecieda li jehodha fejn ried hu. Is-socjeta' ntimata kienet lesta tara u ssewwi l-hsara. Li seta' gara fil-magna kien li nghatat xi brake qawwi u dan ikkaguna l-hsara.

Xehed ukoll Edward Cassar, prodott mis-socjeta' ntimata, fejn fix-xhieda guramentata tieghu huwa stqarr illi huwa jahdem bhala after-sales manager mas-socjeta' Nissan f'Malta. Stqarr illi meta l-karozza kienet dahlet ghandhom, kienet bla batterija u b'xi parts maqlughin. Kienu sabu valve-gear miksur u kienu tbiddlu xi parts ukoll. Dan kien kaz kurjuz ghalihom kif gralha hekk.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, ihoss illi huwa l-obbligu tieghu u fid-dmirijiet tieghu li jikkummenta dwar il-fatt illi nonostante d-drittijiet ta' kull konsumatur, liema drittijiet ghandhom dejjem jigu osservati u rrispettati, ma jista' qatt jigi ttollerat l-abbuz ta' tali drittijiet da parti tal-konsumatur stess, b'dana illi l-konsumatur ikun irid izomm in-negozjant responsabbli ghal kwalunkwe haga li tmur hazin u/jew jipprova jaqla' lira minn fuq dar l-istess. Is-socjeta' ntimata ma naqqset bl-ebda mod fis-servizzi taghha, u ma tista' qatt tinzamm responsabbli ghall-hsarat li setghu gew ikkawzati minhabba uzu hazin da parte tar-rikorrent. Mill-provi li ngabu, it-Tribunal huwa konvint illi ma kien hemm ebda lok ghal ilment ta' dan it-tip – l-ewwelnett, ma ngabet l-ebda prova rigwardanti xi difett latenti fil-karozza in kwistjoni, hekk kif qed jallega r-rikorrent; tieninett, il-karozza in kwistjoni kienet wahda 'second hand' fejn ir-rikorrent kien ghazel li ma jiehux parir ta' mechanic privat sabiex jghamel il-verifiki tieghu; tieletnett, kienet fuq decizjoni tar-rikorrent stess illi l-karozza giet imsewwija minn terza persuna u certament mhux minhabba xi nuqqas da parte tas-socjeta' ntimata. Illi ghalhekk, it-Tribunal qed isib it-talba tar-rikorrent manifestament frivola u qed jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**